# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru, 2001 .

### Avviz numru : 33/2001G2(PC)

**John Portelli ; Vincent Portelli; Melina mart Dennis Borg; Joseph Portelli; Paul Portelli; Joanne mart George Vella; Martin Portelli; Margaret mart Mario Cassar; u Yvonne armla ta' Richard Portelli bhala rapprezentanti ta' bintha minuri Roberta Portelli .**

**Vs**

**Eucharist u Giorgia konjugi Said .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati minn din il-Qorti illi huma qeghdin jokkupaw il-fond numru erbatax (14) Triq Fortunato Mizzi, Victoria minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u dan stante illi kwalunkwe dritt illi setgha talvolta kellhom fuq dan il-fond gie terminat bis-sahha tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 1998, huma jigu kundannati jizgumbraw u jirrilaxxjaw l-istess fond a favur ta' l-atturi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss .**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 1998 kontra taghkom u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha debitament ingunti .**

**Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi kontra taghhom .**

**Ghall-finijiet tal-kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju ta' dan il-fond huwa elfejn lira maltija (LM2000) fis-sena .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi eccepew :**

**(1) Illi, preliminarjament dana l-avviz huwa intempestiv u dana peress illi l-atturi naqsu li jhallsu l-ispejjez tal-avviz iehor identiku fl-ismijiet : "John Portelli et –vs- Eucharistic Said et" (Avviz Nru : 47/99) cedut fit-30 ta' Mejju, 2001 ;**

**(2) Illi preliminarjament irid jigi pruvat illi l-atturi kollha taw il-kunsens taghhom biex jigi nstitwit dana l-avviz ;**

**(3) Illi, fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghal premess, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi l-konvenuti ghandhom titolu ta' lokazzjoni fuq il-fond "de quo";**

**(4) Illi, ukoll minghajr ebda pregudizzju ghal premess, il-konvenuti ghandhom fuq il-fond "de quo" dritt ta' kommodat ;**

**(5) Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghal premess, il-konvenuti ghandhom dritt li jkomplu jgawdu dana l-fond sakemm huma jigu kkumpensati adegwatament u dana peress illi huma erogaw diversi benefikati u meljoramenti u ghamlu hafna spejjez fih u dana bil-kunsens u approvazzjoni tal-istess sid John Portelli, li kien huwa li addirittura instiga lill-konvenuti li jaghmlu dawna l-ispejjez u kien jaf bil-meljoramenti u benefikati li kienu qeghdin isiru f'dan il-post u ta' dawna huma qatt ma gew ikkumpensati .**

**(6) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat il-verbal tal-partijiet tad-9 ta' Novembru, 2001, li permezz tieghu ittransigew din il-kawza billi l-konvenuti ammettew it-talbiet attrici bil-kundizzjonijiet segwenti, u cioe' illi :**

**1) L-atturi jobbligaw ruhhom li jhallsu kumpens lill-konvenuti fl-ammont ta' erbat elef lira maltin (Lm4000), li jithallsu kwantu ghan-nofs sal-ahhar tas-sena kurrenti, u n-nofs l-iehor kontestwalment mal-konsenja tal-pussess tal-fond de quo ;**

**2) Il-konvenuti jkunu obbligati jirrestitwixxu l-pussess vakanti tal-fond lill-atturi sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' April ;**

**3) Il-fond ghandu jigi konsenjat lill-atturi fl-istat ta' manutensjoni li fih jinsab illum u bil-benefikati kollha ezistenti fih illum .**

**Il-konvenuti jkunu awtorizzati illi jaqilghu l-bibien nterni, jiehdu l-ghamara nkluza l-kcina, u l-geysers, u dak kollu li jista' jittiehed minghajr hsara ghall-post .**

**L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet . Il-konvenuti jirriservaw id-dritt li sa zmien gimgha mil-lum jirtiraw minn dan il-ftehim, f'liema kaz allura dan il-ftehim jitlef il-validita' kollha tieghu, u l-partijiet jirrivertu ghall-pozizzjoni originali taghhom .**

**Ghalhekk, u in vista ta' din it-transazzjoni, u peress illi l-partijiet talbu sentenza a tenur ta' l-istess transazzjoni, Il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuti jizgumbraw mill-fond indikat fl-avviz, u dana bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess verbal ta' transazzjoni li sar fl-udjenza ndikata tad-9 ta' Novembru, tas-sena elfejn u wiehed .**

**A tenur ukoll ta' l-istess transazzjoni, l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
S(i) 3301G2(pc)